

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1766**tal-25 ta' Novembru 2020**

li tiddetermina, għal perjodu ta' żmien limitat, li l-qafas regolatorju applikabbli għal depożitorji ċentrali tat-titoli tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq huwa ekwivalenti skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru° 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru° 236/2012 ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 25(9) tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") ressaq in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Fis-17 ta' Ottubru 2019, l-Unjoni u r-Renju Unit laħqu ftehim dwar il-ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni ⁽²⁾ ("il-ftehim dwar il-ħruġ"), bi Protokoll rivedut dwar l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq u Dikjarazzjoni Politika riveduta ⁽³⁾. Skont il-ftehim dwar il-ħruġ u wara r-ratifika tiegħu mill-House of Commons fir-Renju Unit, l-adozzjoni tiegħu mill-Parlament Ewropew u l-konklużjoni tiegħu mill-Kunsill, ir-Renju Unit sar pajjiż terz fl-1 ta' Frar 2020 u d-dritt tal-Unjoni mhux se jibqa' japplika għar-Renju Unit u fiħ fil-31 ta' Diċembru 2020.
- (2) Depożitorji ċentrali tat-titoli (central securities depositories - "CSDs") huma strumentali għas-swieq finanzjarji. Ir-reġistrar ta' titoli f'sistema ta' entrati fil-kotba ("servizzi notarili") u ż-żamma ta' kontijiet ta' titoli fl-ogħla grad ("servizzi ċentrali ta' manutenzjoni") iżidu t-trasparenza u jipproteġu lill-investituri, peress li jiżguraw l-integrità tal-ħruġ tat-titoli billi jiġi evitat il-ħolqien mhux dovut jew it-tnaqqis ta' titoli maħruġa. Is-CSDs joperaw ukoll sistemi ta' saldu tat-titoli, li jiżguraw li t-tranżazzjonijiet tat-titoli jiġu saldati b'mod xieraq u f'waqtu. Dawk il-funzjonijiet huma kritiċi fil-proċessi tal-ikklerjar u tas-saldu ta' wara n-negozjar. Sistemi ta' saldu tat-titoli huma essenzjali wkoll għall-politika monetarja billi huma involuti mill-qrib fl-iżgurar ta' kollateral għal operazzjonijiet tal-politika monetarja.
- (3) Mill-1 ta' Jannar 2021, CSDs stabbiliti fir-Renju Unit ("CSDs tar-Renju Unit") se jitqiesu bħala CSDs ta' pajjiżi terzi skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 909/2014. Bħala tali, ma jistgħux joffru servizzi notarili u ta' manutenzjoni ċentrali fir-rigward ta' strumenti finanzjarji kostitwiti skont il-liġi ta' xi Stat Membru sakemm ma jkunux rikonnoxuti mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ("ESMA") skont l-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament. Fin-nuqqas ta' tali rikonnoximent, l-emittenti tal-Unjoni ma jistgħux jużaw CSDs tar-Renju Unit biex iwettqu servizzi notarili u ta' manutenzjoni ċentrali li jikkonċernaw titoli trasferibbli kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru. Sitwazzjoni bħal din tista' tirriżulta fi sfidi temporanji għall-emittenti tal-Unjoni biex jissodisfaw l-obbligi legali tagħhom, peress li dawk is-servizzi pprovduti mis-CSDs tar-Renju Unit fir-rigward ta' titoli korporattivi u fondi n-negozjati fil-borża kkostitwiti skont il-liġi domestika tal-Irlanda ("titoli korporattivi Irlandiżi u ETFs") bħalissa mhumiex ipprovduti mis-CSDs awtorizzati fl-Unjoni ("CSDs tal-Unjoni"). Għalhekk huwa ġġustifikat u fl-interess tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jiġi żgurat li s-CSDs tar-Renju Unit ikunu jistgħu jkomplu jipprovdut servizzi fl-Unjoni wara l-31 ta' Diċembru 2020 għal perjodu ta' żmien limitat.
- (4) L-ESMA tista' tirrikonoxxi CSD stabbilit f'pajjiż terz biss fejn il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni li jiddetermina li l-arranġamenti legali u supervizzorji li jirregolaw dak is-CSD ikunu ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 909/2014. Fid-dawl tar-riskju li r-Renju Unit joħroġ mill-Unjoni mingħajr il-konklużjoni ta'

⁽¹⁾ ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1.

⁽²⁾ Il-ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7).

⁽³⁾ Dikjarazzjoni politika li tistabbilixxi l-qafas għar-relazzjoni futura bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit (ĠU C 34, 31.1.2020, p. 1).

ftehim dwar il-ħruġ, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2030 (*) ikkonċediet ekwivalenza għall-qafas legali u superviżorju tar-Renju Unit għall-perjodu sat-30 ta' Marzu 2021. B'konsegwenza tal-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni qatt ma saret applikabbli. Is-CSDs tal-Unjoni huma avvanzati ħafna fil-proċess tal-iżvilupp ta' servizzi fir-rigward tat-titoli korporattivi u l-ETFs Irlandiżi, biex jippermettu lill-emittenti tal-Unjoni jikkonvertu l-pożizzjonijiet tagħhom, iżda dak ix-xogħol mhux se jkun iffinalizzat għal kollox meta d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit u fih fl-31 ta' Diċembru 2020. Huwa għalhekk meħtieġ u fl-interess tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li l-arranġamenti legali u superviżorji li jirregolaw is-CSDs tar-Renju Unit jiġu ddeterminati bħala ekwivalenti għar-reqwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 909/2014 għal perjodu ta' sitt xhur.

- (5) Skont l-Artikolu 25(9) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, iridu jiġu ssodisfati tliet kundizzjonijiet sabiex jiġi determinat jekk l-arranġamenti legali u superviżorji ta' pajjiż terz rigward is-CSDs stabbiliti hemmhekk ikunux ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dak ir-Regolament.
- (6) L-ewwel, li l-arranġamenti ġuridiċi u superviżorji tal-pajjiż terz iridu jiżguraw li s-CSDs f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw ma' reqwiżiti ġuridikament vinkolanti li huma ekwivalenti għar-reqwiżiti stipulati fir-Regolament (UE) Nru 909/2014. Sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni fil-31 ta' Diċembru 2020 is-CSDs tar-Renju Unit iridu jikkonformaw mar-reqwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 909/2014. Fis-26 ta' Ġunju 2018, ir-Renju Unit inkorpora d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 fid-dritt domestiku tiegħu b'effett minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.
- (7) It-tieni, l-arranġamenti ġuridiċi u superviżorji tal-pajjiż terz iridu jiżguraw li s-CSDs stabbiliti f'dak il-pajjiż terz ikunu soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi fuq bażi kontinwa. Sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni fil-31 ta' Diċembru 2020, is-CSDs tar-Renju Unit huma taħt is-superviżjoni tal-Bank of England, kif determinat fid-dritt domestiku tar-Renju Unit skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014. Bħala parti mill-inkorporazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 909/2014 fid-dritt nazzjonali tar-Renju Unit, il-Bank of England jibqa' responsabbli għas-superviżjoni tas-CSDs minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni u, fil-mument, ma jeżistu l-ebda indikazzjonijiet li hija prevista xi bidla importanti f'dik is-superviżjoni.
- (8) It-tielet, li l-qafas ġuridiku tal-pajjiż terz irid jipprovdi għal sistema ekwivalenti effettiva għar-rikonoxximent ta' CSDs awtorizzati skont reġimi ġuridiċi ta' pajjiżi terzi. Dan huwa żgurat mill-inkorporazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 fid-dritt nazzjonali tar-Renju Unit. Barra minn hekk, ir-Renju Unit introduċa dispożizzjonijiet tranżitorji speċifiċi, li jippermettu lil CSD ta' pajjiż terz jipprovdi servizzi notarili u ta' manutenzjoni ċentrali fir-Renju Unit matul perjodu ta' mill-inqas sitt xhur wara li r-Renju Unit ikun iddetermina l-ekwivalenza ta' dak il-qafas ta' pajjiż terz.
- (9) Fuq dik il-bażi, jista' jiġi konkluż li l-arranġamenti legali u superviżorji tar-Renju Unit li se jkunu applikabbli għas-CSDs tar-Renju Unit wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 126 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25(9) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.
- (10) Din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq l-informazzjoni attwalment disponibbli dwar l-arranġamenti legali u superviżorji applikabbli għas-CSDs tar-Renju Unit mill-1 ta' Jannar 2021. Fid-dawl tad-dikjarazzjoni tar-Renju Unit li ċerti reqwiżiti li se jidhru fis-seħħ fil-qafas legali tal-Unjoni fil-futur mhux se jiġu inkorporati fid-dritt domestiku tiegħu, l-arranġamenti legali u superviżorji attwalment fis-seħħ fir-Renju Unit jistgħu jitqiesu bħala ekwivalenti għal perjodu limitat ta' żmien biss. Minħabba d-dikjarazzjoni tar-Renju Unit dwar id-diverġenza futura fir-rigward tal-arranġamenti legali u superviżorji applikabbli għas-CSDs tar-Renju Unit, il-parteċipanti fis-suq huma mistennija li jħejju għal sitwazzjoni fejn ma jkunx hemm aktar deċiżjoni dwar l-ekwivalenza f'dan il-qasam.
- (11) Il-konklużjoni ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni komprensivi u effettivi bejn l-ESMA u l-Bank of England skont l-Artikolu 25(10) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tiżgura l-iskambju proattiv tal-informazzjoni u l-koordinazzjoni tal-attivitàjiet superviżorji. B'mod partikolari, dawk l-arranġamenti jridu jiżguraw li l-ESMA fuq bażi kontinwa jkollha aċċess immedjat fis-sitwazzjonijiet kollha, inklużi sitwazzjonijiet ta' emerġenza, għall-informazzjoni kollha mitluba minnha. Dawk l-arranġamenti ta' kooperazzjoni jiżguraw ukoll li l-ESMA tkun tista'

(*) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2030 tad-19 ta' Diċembru 2018 li tiddetermina, għal perjodu ta' żmien limitat, li l-qafas regulatorju applikabbli għal depożitorji ċentrali tat-titoli tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq huwa ekwivalenti skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 325, 20.12.2018, p. 47).

tiskambja l-informazzjoni rilevanti kollha mal-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 25(5) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 għall-fini ta' konsultazzjoni magħhom dawk l-istatus rikonoxxut ta' CSDs tar-Renju Unit jew meta dik l-informazzjoni tkun meħtieġa biex dawk l-awtoritajiet ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti superviżorji tagħhom.

- (12) L-awtoritajiet tar-Renju Unit mistennija jinfurmaw lill-Unjoni bil-bidliet kollha għall-qafas ġuridiku jew superviżorju tar-Renju Unit li jaffettwaw il-forniment ta' servizzi notarili u ta' manutenzjoni ċentrali fir-Renju Unit. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-ESMA, se timmonitorja kull bidla introdotta fl-arranġamenti ġuridiċi u superviżorji li jaffettwaw l-ġoti ta' tali servizzi fir-Renju Unit, kull żvilupp tas-suq kif ukoll l-effikaċja tal-kooperazzjoni superviżorja, inkluż l-iskambju immedjat ta' informazzjoni bejn l-ESMA u l-Bank of England. Il-Kummissjoni tista' twettaq rieżami fi kwalunkwe ħin meta minħabba l-iżviluppi rilevanti jkun neċessarju li l-Kummissjoni tirrivaluta l-ekwivalenza mogħtija b'din id-Deċiżjoni, inkluż meta l-awtoritajiet tar-Renju Unit ma jikkooperawx b'mod effikaċi, ma jippermettux valutazzjoni effikaċi tar-riskju li s-CSDs tar-Renju Unit joħolqu għall-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha jew meta l-azzjonijiet meħuda mis-CSDs tar-Renju Unit jew mill-Bank of England jipromwovu kompetizzjoni iġusta u mhux xierqa.
- (13) Fl-interess tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, u sabiex is-CSDs tal-Unjoni jingħataw iż-żmien meħtieġ biex jiżviluppaw ulterjorment l-offerta ta' servizzi tagħhom fir-rigward tat-titoli korporattivi u l-ETFs Irlandiżi, u lill-emittenti tal-Unjoni ż-żmien meħtieġ biex jemigraw il-pożizzjonijiet tagħhom lejn CSDs tal-Unjoni, din id-Deċiżjoni għandha tiskadi sitt xhur wara d-data ta' applikazzjoni tagħha.
- (14) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ b'urġenza sabiex tiġi ggarantita ċ-ċertezza tad-dritt għall-emittenti tal-Unjoni qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni f'konformità mal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Jenħtieġ li din tapplika mill-għada tal-jum li fih id-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit u fih.
- (15) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet tal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-arranġamenti ġuridiċi u superviżorji tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq applikabbli għal depożitorji ċentrali tat-titoli diġà stabbiliti u awtorizzati fir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandhom jitqiesu li huma ekwivalenti għar-reqwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 909/2014.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Għandha tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2021.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN